MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 333/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**KONTRA**

**ROGER FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roger Farrugia ta’ 20 sena, bin George u Silvana nee’ Bajada, mwieled Hal- Qormi nhar it- 18 ta’ Mejju 1990, residenti 156, Triq San Bartolomeo, Qormi u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 250190M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli ;

1) Nhar l- 20 ta’ Marzu 2010 ghal habta tad- 9.30am u aktar tard fl- istess gurnata ghall- habta tat- 20.00 gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Hamrun, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b’ qerq halaq tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubbilka, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

3) U aktar talli nhar it- 30 ta’ Arpil 2010 ghall- habta tal- 10.20am, gewwa l- bini tar- Registru Pubbliku, Evans Buildings Valletta, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4) Aktar talli nhar l- 14 ta’ Lulju 2010, ghall- habta tas- 13.35 gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Belt Valletta, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

5) U aktar talli nhar il- 5 ta’ Settembru 2010 ghall-habta ta’ 23.45 gewwa l- ghassa tal- Pulizija tal- Hamrun, iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li msarx, inkella bil- qerq halaq tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

6) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’

pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

7) Aktar talli nhar l- 21 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tal- 16.30 gewwa l- ghassa tal- Pulizija ta' Hal-Qormi, iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, nkella bil- qerq halaq tracci ta' reat b' mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

8) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostani sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Fil-qosor hafna, jidher li l-imputat ghandu problema akuta ta’ loghob tal-azzard u, per konsegwenza, safa vittma tal-uzura. Din il-kawza tittratta sensiela ta’ denunzji ta’ reati li qatt ma sehhew, li l-imputat irrapporta lill-awtoritajiet, biex minn ghalih b’gidba wara l-ohra jibqa’ jakkwista ftit tal-hin u jaghmel tajjeb ghad-dejn li beda jtella’ bla razan ta’ xejn. Fid-dati ndikati hu rrapporta li kien safa vittma ta’ aggressjoni jew ta’ reat iehor, biex dejjem jipprova jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu. Huwa biss wara li l-investigazzjoni tal-Pulizija wasslet biex inkixfu r-rapporti foloz li l-imputat ammetta li dan kollu kien sar ghax kellu hafna djun li ma setax ihallas. Fiz-zewg stqarrijiet irrilaxxjati minnu u esebiti fl-atti, hu jammetti dawn ir-reati u jaghti spjegazzjoni ghalihom. Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm dan hu reat serju hafna, ghax huwa tassew irresponsabbli min jahli l-hin tal-Pulizija w tal-awtoritajiet jiddenunzja reat li jaf li ma sarx, huwa evidenti ferm li l-imputat ghandu bzonn tal-ghinuna.

Ghalhekk, fi spirtu ta’ gustizzja riformattiva li tfittex li tirrijabilita lil min jikser il-ligi aktar milli tikkastiga b’sens ta’ retribuzzjoni lejn is-socjeta’, il-Qorti sejra tordna li l-imputat jitqieghed taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation, biex jinghata l-ghinuna kollha mehtiega u fl-istess waqt jkollu sorveljanza stretta fuq l-ghemil u l-imgieba tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 110 (2) u 188 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta’ Ordni ta’ Probation ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------